# L-ABORT U L-BIBBJA:
## Favur il-Ħajja jew Favur l-Għażla?

**George Ebejer**

***Jista' l-abort ikun armonizzat mal-Bibbja? Huwa morali jew immorali? Huwa l-abort qtil? Hija l-ħajja mhix imwielda fil-ġuf ta' l-omm (il-"fetu") individwu uman separat, jew huwa sempliċiment parti mill-ġisem ta' l-omm? Għandu l-fetu d-dritt għall-ħajja? Għandu Kristjan ikun favur il-ħajja jew favur l-għażla?***

L-iskop ta' dan l-istudju huwa biex nikkonsidraw eżattament x'tgħallem il-Bibbja dwar l-abort. Huwa l-abort qtil? Għandu l-"fetu" d-dritt għall-ħajja? X'veduta hija f'armonija mal-Kristjaneżmu skond l-Iskrittura Mqaddsa? Għandu Kristjan ikun favur il-ħajja jew favur l-għażla?

---

## X'TGĦID IL-BIBBJA DWAR L-ABORT

### A. *Hija l-Ħajja fil-Ġuf Individwu Uman?*

---

Il-mistoqsija fundamentali li għandha tkun imwieġba hija jekk il-ħajja li kienet ikkonċeputa fil-ġuf ta' l-omm hijiex persuna umana jew le, separata u distinta bħala individwu mill-omm.

1. Alla ħalaq biss tliet klassijiet bażiċi ta' ħajja.
2. Kull waħda minn dawn il-klassijiet ta' ħajja tirriproduċi skond ix-xorta tagħha.
3. Pjanti, annimali u nies.
4. Aħna naqraw:

   **<u>Ġenesi 1:11-12</u>** – "U qal Alla: Ħalli l-art *tnibbet ħdura, ħaxix jagħmel iż-żerriegħa, u siġar tal-frott li jagħmlu frott* ***skond ġenshom***, b'żergħatu fih, fuq l-art: u hekk kien. [12]*U l-art nibbtet ħdura, u ħaxix jagħmel żergħat,* ***skond ġensu****, u siġar jagħmlu l-frott, b'żergħatu fih,* ***skond ġensu****:* U Alla ra li dan kien tajjeb."

5. Aħna naqraw ukoll:

   **<u>Ġenesi 1:20-25</u>** – "U Alla qal: Ħalli l-ilmijiet jiżegħdu bi *ħlejjaq ħajjin, u tjur li jittajru fuq l-art fil-beraħ tal-firxa tas-sema.* [21]U Alla ħalaq *il-mostri kbar tal-baħar, u kull ħlieqa ħajja li titkaxkar, li żiegħdu l-ilmijiet,* ***skond ġenshom****, u t-tjur kollha bil-****ġwienaħ***

***skond ġenshom**: u Alla ra li dan kien tajjeb. [22]U Alla berikhom, billi qal: Ferrgħu, u oktru, u imlew l-ilmijiet fl-ibħra, u ħa joktru t-tjur fuq l-art. [23]U l-għaxija u l-għodu kienu l-ħames jum. [24]U Alla qal: Ħalli l-art tnissel *ħlejjaq ħajjin* ***skond ġenshom**, bhejjem, u ħlejjaq li jitkaxkru, dbejjeb ta' l-art* ***skond ġenshom***: u hekk kien. [25]U Alla għamel *id-dbejjeb ta' l-art* ***skond ġenshom**, u l-bhejjem* ***skond ġenshom**, u l-kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art* ***skond ġensha***: u Alla ra li dan kien tajjeb."

6. We read:
   **Ġenesi 1:26-30** – "[26]U Alla qal: Ħalli nagħmlu *l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna*, u ħa jkollhom ħakma fuq il-ħut tal-baħar, u fuq l-art kollha, u fuq kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art. *[27]Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha ta' Alla ħalqu;* ***raġel u mara ħalaqhom**.* [28]U Alla berikhom, u qalilhom Alla: Nisslu, u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar, u fuq it-tjur ta' l-ajru, u fuq il-ħlejjaq kollha li jitħarrku fuq l-art. [29]U Alla qal: Ara, tajtkom il-ħaxix kollu li jagħmel iż-żerriegħa, li qiegħed fuq wiċċ l-art kollha, u s-siġar kollha, li jagħmlu frott is-siġar biż-żerriegħa : lilkom ikunu ta' ikel. [30]U lil kull bhima ta' l-art, u lil kull tajra tas-sema, u lil kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art, li fiha hemm il-ħajja, jien tajt il-ħaxix kollu b'ikel: u hekk kien."
7. **Ġenesi 5:1-4** – "Dan hu l-ktieb in-nies ta' Adam. Dak in-nhar li l-Mulej ħalaq il-bniedem, bi xbihat Alla ħalqu; [2]Raġel u mara ħalqahom; u berikhom, u semma isimhom bniedem, meta nħalqu. [3]U meta Adam għex mija u tletin sena, wlied iben bi xhieha tiegħu, u sura tiegħu; u sejjaħ ismu Set: [4]U jiem Adam, wara li wiled lil Set, kienu tmien mitt sena: u wiled sujien u bniet:"
8. **1 Korintin 15:39** – "Mhux kull laħam hu l-istess laħam: imma hemm il-laħam tal-bniedem, ieħor tal-bhejjem, ieħor tal-ħut, u ieħor tat-tjur."
9. F'liema minn dawn il-kategoriji għandha tarbija ħajja, mhux imwielda tkun ikklassifikata?
10. It-tarbija ma tistax tkun ikkonsidrata pjanta jew annimal għaliex il--pjanti u l-annimali jirriproduċu skond ix-xorta tagħhom.
11. It-tarbija mhuw imwielda hija r-riżultat ta' riproduzzjoni umana, u l-bnedmin huma distinti mill-pjanti u l-annimali.
12. Għalhekk il-ħajja fil-ġuf ta' omm umana għandha neċessarjament tkun umana!

**B.**

1. Mistoqsija importanti li wieħed għandu jistaqsi u li jkollu tweġiba hija din:
   - ***Hija l-ħajja fil-ġuf sempliċiment parti mill-ġisem ta' l-omm*** (bħal appendiċi, għalhekk li tneħħiha mhuwix qtil) ***jew hija individwu separat u distint mill-omm u għalhekk li tagħmel abort huwa qtil?***
2. Din hija l-kwistjoni li aħna għandna nirrisolvu.
3. Il- Bibbja tidentifika persuna umana billi ssejħilha "raġel," "mara," tifel," "tifla," "iben," "bint," "tarbija," eċċ.
4. Dak li aħna naħtieġu li nkunu nafu, mela, huwa jekk il-Bibbja tirreferix jew le għat-tarbija mhux imwielda b'termini li jimplikaw umanità, l-istess kif hija tagħmel għall-bnedmin oħra.

## TERMINI TA' ALLA GĦAL DAWK MHUX IMWIELDA

### A. Termini Ta' Alla Għal Dawk Li Għadhom Mhux Imwielda

1. **<u>Ġenesi 25:21-22</u>** – "U Iżakk talab lill-Mulej għal martu, għax kienet ħawlija, u l-Mulej semgħu u Rebekka martu tqalet. 22*U t-trabi kienu jissaraw f'ġufha*; u qalet: Jekk inhu hekk, għaliex jiena hekk? U marret issaqsi lill-Mulej."
   - Rebekka kien se jkollha "tewmin, and "*U t-trabi kienu jissaraw f'ġufha.*"
   - Dak li kien ikkonċeput kien imsejjaħ "tarbija" *bejn il-konċepiment u t-twelid.*
   - Il-kelma Ebrajka wżata hawn (BEN) hija l-aktar kelma komuni fit-Testment il-Qadim għal *tabija* jew *iben.*
   - Meta wżata għal wild fiżiku tal-bnedmin, din konsistentament tirreferi għal individwi distinti umani (ara Ġenesi 25:1-4; 3:16; eċċ.).
2. **<u>Ġob 3:1-3</u>** – "Wara dan fetaħ fommu, u seħet jum twelidu. 2U Ġob tkellem, u qal: 3Ħa jitħassar il-jum li fih twelidt, u l-lejl li fih qalu: *Tnissel raġel.*"
   - Sewwasew fil-lejl tal-konċepiment ta' Ġob kien jista' jintqal, "***Hemm tarbija-raġel ikkonċeputa.***"

- Il-kelma għal “tarbija-raġel” (Ebrajk GEBER) f’postijiet oħra tfisser "bniedem," jiġifieri., *individwu uman* (Ara Ġob 3:23; 4:17; 10:5; Salm 127:5; 128:4; eċċ.).

3. **Ġob 3:16** – “Jew bħal rimi midfun li qatt ma kien; *bħal trabi li qatt ma raw id-dawl*.”
   - Trabija li tmut qabel it-twelid hija msejħa "tfajjel" li qatt ma ra d-dawl.
   - Dan huwa eżattament bħat-trabi li jsir abort fuqhom.
   - Din il-kelma (Ebrajk OLEL) dejjem u mingħajr eċċezzjoni tirreferi għal individwi umani (Ħosegħa 13:16; Salm 8:2; Ġoel 2:16).
4. **Numri 12:12** – “La tħallihiex issir bħal wieħed mejjet, li malli joħroġ minn ġuf ommu, ikollu nofs ġismu mittiekel.”
   - Meta Mirjam saret imġiddma, hi kienet imfissra bħala “waħda mejta li ġisimha kien nofsu mittiekel meta joħroġ minn ġuf ommu."
   - Jekk tarbija tmut qabel ma hija titwieled – kif f’abort – il-mara li kkonċepixxietha għadha “ommha."
   - **F’Luqa 1:43**, Elizabetta ndirizzat lil Marija bħala "l-**omm** tal-Mulej tiegħi" qabel ma Ġesù kien twieled.
   - Il-kelma "omm" (Ebrajk EM; Grieg METER), fil-kuntesti tirreferi għar-riproduzzjoni fiżika umana, dejjem tirreferi għal wieħed li kien ipprokrea jew ifforma individwu uman ieħor, individwu separat u distint mill-omm infisha (ara Numri 6:7; Ġenesi 3:20; Luqa 1:60).
   - Mara li kkonċepixxiet, ukoll jekk it-tarbija tkun għadha ma twelditx, u wkoll jekk hija tmut qabel it-twelid, hija “omm.”
5. **Luqa 1:41,44** - “U ġara, meta Eliżabetta semgħet it-tislima ta’ Marija, illi *t-tarbija f’ġufha qabżet*; u Eliżabetta imtliet bl-Ispirtu s-Santu: 42U għajtet b’leħen għoli, u qalet: Imbierka int fost in-nisa, u mbierek il-frott ta’ ġufek. 44U mnejn hu dan lili, li tiġi omm Mulejja għandi? 44Għax, ara, hekk kif il-leħen tat-tislima tiegħek ġie f’widnejja, *it-tarbija qabżet f’ġufi bil-ferħ*.
   - Eliżabetta tqalet (v. 24), u l-ħajja “fil-ġuf tagħha" hija msejħa “tarbija” (Grieg BREPHOS).

- Din hija t-tieni kelma l-aktar komuni fit-Testment il-Ġdid għal tarbija. Din hija dejjem użata għal dak li huwa individwu uman separat u distint minn ommu (ara Luqa 2:12,16; Atti 7:19.)

6. **Luqa 1:36** - "U wieġeb l-anġlu, u qalilha: L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tgħattik: għalhekk ukoll *dik il-ħaġa qaddisa li titwieled minnek tissejjaħ Bin Alla.*"

   - Għal darb'oħra, il-ħajja kkonċeputa fil-ġuf ta' Eliżabetta, qabel ma din kienet imwielda, hija msejħa "iben."
   - Il-kelma "iben" (Grieg HUIOS), f'kuntesti li jirreferu għall-wild fiżiku tal-bnedmin, dejjem tirreferi għal dak li huwa individwu uman separat mill-ġenituri tiegħu.
   - Hija l-aktar kelma komuni tat-Testment il-Ġdid għal "iben" (ara Mattew 1:21,23,25; Luqa 1:13,31; 2:7; eċċ.).

## OSSERVAZZJONIJIET FUQ IL-VERSI

1. Dak li kien ikkonċeput u jgħix fil-ġuf ta' l-omm mill-konċepiment 'il quddiem huwa rriferut għalih minn Alla bħala "tarbija," "iben," tifel," u "tifel-raġel," eċċ.
2. Il-mara li fil-ġuf tagħha dan igħix hija "omm."
3. Ebda bniedem xi mkien fil-Bibbja ma huwa identifikat b'termini li huma aktar distintament umani minn dawn it-termini
4. Alla ma jagħmel ebda distinzjoni bejn ħajja mwieled u mhux imwielda. Hu juża eżattament l-istess termini għat-tnejn, għalhekk aħna għandna nħarsu lejhom bħala li għandhom l-istess natura.
5. Ftakar li aħna stabbilejna mill-bidu li l-ħajja fil-ġuf ta' l-omm hija ħajja umana.
6. L-unika kwistjoni li kellha tkun mifhuma kienet jekk it-tarbija hijiex individwu *distint* minn ommha jew sempliċiment parti mill-ġisem ta' l-omm.
7. Ikkonsidra l-qawwa tax-xhieda li aħna issa eżaminajna:
   - Tirreferi l-Bibbja għall-partijiet tal-ġisem ta' l-omm bħala "tifel," "iben," "tarbija," eċċ? Bl-aktar mod ċar li le.
   - Lanqas qatt ma mara hija msejħa "omm" sempliċiment għaliex hija għandha dawn il-partijiet tal-ġisem.
   - Għaliex dan hu hekk? Għalliex it termini "tifel," "iben," "tarbija" eċċ., huma termini li jimplikaw idividwu separat uman, mhux sempliċiment parti mill-ġisem ta' l-omm.

- Ikkonsidra l-parallel tad-Divinità.
- Aħna nistgħu nippruvaw li Alla l-Missier u Ġesù huma żewġ individwi separati billli nirreferu għal ħafna passaġġi li jsemmu lil Ġesù bħala l-Iben ta' Alla l-Missier.
- Persuna ma tistax tkun il-missier tagħha stess jew l-iben tagħha stess. Missier u ibnu jagħmlu żewġ individwi separati. (Ġwanni 8: 16-18).
- Hekk ukoll, meta mara titqal, il-ħajja fil-ġuf tagħha hija "binha" (jew "bintha") u hi tkun l-"omm" tiegħu.
- Jekk Alla l-Missier huwa individwu separat minn Ġesù Kristu l-Iben Tiegħu, mela fl-istess mod u għal l-istess raġuni omm għandha tkun idividwu separat minn binha jew bintha fil-ġuf tagħha.

## RISPETT GĦALL-ĦAJJA: LA TOQTOLX TARBIJA INNOĊENTI

1. Ħafna passaġġi jgħallmuna biex ma noqtlux deliberatament nies innoċenti.
   - **Eżodu 23:7** – "Żomm ruħek 'il bogħod minn kliem il-gideb; u *toqtolx lil min hu bla ħtija u ġust*: għax jien ma naħfirx lill-ħati."
   - **Proverbji 6:16-17** – "Hemm sitt ħwejjeġ li jobgħod il-Mulej: iva, sebgħa huma mistkerrhin minnu: [17]Għajnejn imkabbra, ilsien giddieb, *u idejn li jxerrdu demm bla ħtija.*"
   - **Rivelazzjoni 21:8** – "Iżda l-beżżiegħa, u dawk li ma jemmnux, u l-moqżieża, u *l-qattiela*, u ż-żienja u s-saħħara, u l-idolatri, u l-gid-dieba kollha, ikollhom sehemhom fil-għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit: din hi t-tieni mewt."
   - **Rivelazzjoni 22:15** – "Għax barra huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u *l-qattiela*, u l-idolatri, u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq."
   - **Mattew 15:19-20** – "Għax mill-qalb jiġu l-ħsibijiet ħżiena, *il-qtil*, l-adulterji, iż-żina, is-serq, ix-xhidiet foloz, id-dagħa: Dawn huma l-ħwejjeġ li jniġġsu bniedem: iżda li tiekol b'idejn mhux maħsulin ma jniġġisx bniedem."
   - **Rumani 13:8-10** – "M'għandu jkollkom tagħtu xejn lil ħadd; ħlief li tħobbu lil xulxin: għax min iħobb lil ħaddieħor iwettaq il-liġi. [9]Għalhekk: La tagħmilx adulterju: *La toqtolx*, La tisraqx, La tixhidx ħaġa b'oħra, La tixtieqx ħwejjeġ ta' l-oħrajn, u jekk hemm kmandament ieħor, jinġabar fil-qosor f'dawn il-kelmiet:

*Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.* [10]*L-imħabba ma tagħmilx deni li għajrek.* Għalhekk l-imħabba hi t-twettiq tal-liġi."

2. B'żjieda, ikkonsidra dawn il-passaġġi speċifiċi:

- **Salm 106:37-38** – "Iva, huma issagrifikaw lis-subjien u lill-bniet tagħhom lid-demonji, [38]U *xerrdu demm innoċenti, id-demm tas-subjien u tal-bniet tagħhom*, u ssagrifkaw lill-idoli ta' Kan-għan: u l-art tniġġset bid-dmija."
- Iżrael kien imniġġes bid-demm għaliex in-nies xerrdu d-demm innoċenti "tas-subjien u l-bniet tagħhom."
- Imma trabi mhux imwielda huma "subien u bniet" (iben u bint).
- X'inhi l-kondizzjoni taż-żmien tagħna meta miljuni ta' "subjien u bniet" qegħdin ikunu legalment maqtula?
- **Mattew 2:16** – "Imbagħad Erodi, meta ra li l-maġi daħku bih, saħan bis-sħiħ, u bagħat *joqtol lis-subjien kollha minn sentejn l-isfel*, li kienu f'Betlehem, u fl-inħawi tagħha kollha, skond iż-żmien li b'għaqal sar jaf mill-maġi."
- Erodi huwa kkunsidrat ħażin għaliex hu qatel subjien  f'Betlehem.
- **Luqa 2:12, 16** isejjaħ tfal bħal dawn "trabi."
- Imma **Luqa 1:41,44** ukoll isejjaħ tfal mhux imwielda "trabi," mela kif jista' jkun aċċettat li toqtolhom?
- **Atti 7:19**; **Eżodu 1:16-18** – Il-Fargħun ikkmanda li "wlied" Iżraelin jew "tfal irġiel" ikunu maqtula hekk kif huma jkunu mwielda. Imma dawn l-istess termini huma wżati għal trabi mhux imwielda. Kien ikun aċċattabbli għall-Fargħun li kien ikollu abortijiet imwettqa biex joqtol trabi? Huwa inqas ħażin jekk illum nies jagħmlu dan?
- **Dewteronomju 27:25** – "*Misħut min jieħu għotja biex joqtol bniedem bla ħtija*! U jgħid il-poplu kollu: Amen."
- X'deskrizzjoni aktar ċara tista' tingħata għal dawk in-nies li joperaw kliniċi għal l-abort?

## KONKLUŻJONI

L-abort huwa ħażin, għalhekk huwa nuqqas li tħobb, tapprezza, u li tieħu ħsieb tarbija umana. Huwa wkoll ħażin għaliex dan jikkostitwixxi l-qtil apposta ta' persuna innoċenti.

Meta nies jiddefendu l-abort, l-argumenti tagħhom għandhom dejjem ikunu ikkonsidrati fid-dawl tal-fatt lit-tarbija mhix imwielda hija umana, persuna, separata minn ommha. Għalhekk, qtil deliberat, apposta huwa sewwasew ħażin daqs kull qtil ieħor ta' xi bniedem innoċenti.

X'għandha tagħmel mara jekk hija kienet wettqet abort u issa tirrealizza li kienet għamlet ħażin? Hi m'għandiex għalfejn tgħaddi l-kumplament ta' ħajjitha bit-tagħbija ta' ħtija mhux maħfura. Il-Bibbja tgħid li l-abort huwa ħażin, imma toffri wkoll sors għal maħfra tassew permezz tad-demm ta' Ġesù Kristu. Alla dejjem lest li jaħfer jekk aħna mmorru Għandu skond il-kondizzjonijiet tiegħu.

Aqra ***u obdi*** dawn il-passaġġi:

1. **Rumani 1:16** – "Jiena ma nistħix mill-Evanġelju; *għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu*, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi."
2. **Rumani 6:3-4** – "Ma tafux, li ħafna minna li konna mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu? [4]Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, *hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja*."
3. **Rumani 10:9-10** – "Għax jekk int tistqarr b'fommok 'il Sidna Ġesù, u temmen f'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, int issalva. [10]Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni."
4. **Mark 16:16** – "Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat."
5. **Atti 17:30** – "Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; *issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu*."
6. **Atti 2:38** – "U Pietru weġibhom: "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom*; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."
7. **Atti 22:16** – "*U issa x'inti qiegħed tistenna? Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi ssejjaħ isem il-Mulej.*"